

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000133/2015

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Charles Goerens, Filiz Hyusmenova

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: Attakki mill-ajru fuq l-isptar ta' Kunduz u protezzjoni tal-operaturi umanitarji

Waqf il-bumbardament ta' Kunduz – traġedja inaċċettabbli u x'aktarx delitt tal-gwerra billi l-attakki komplew għal aktar minn tletin minuta wara li l-uffiċjali tal-Istati Uniti u tan-NATO ġew informati bl-eżistenza tal-isptar fil-post – mietu xi operaturi umanitarji ta' "Tobba Mingħajr Fruntieri" (Médecins Sans Frontières - MSF) mentri kienu qegħdin jagħtu għajjnuna lill-persuni l-aktar fraġli u l-aktar vulnerabbli f'post pubbliku, fil-każ speċifiku sptar ta' MSF.

Waqf l-aħħar sessjoni parzjali ta' Strasburgu, il-Kummissarju Stylianides ħabbar it-tweqqif ta' evalwazzjoni rapida tal-bżonn ta' sostenn umanitarju supplimentari.

1. Wara l-ewwel evalwazzjoni, il-Kummissjoni x'miżuri qiegħda tipproponi fir-realtà bil-għan li:
 - ittejjeb il-protezzjoni tal-operaturi umanitarji (partikolarment billi jingħataw aċċess umanitarju sikur u adegwat bis-saħħa ta', prinċipalment, servizzi umanitarji bl-ajru);
 - jinfetaħ kuritur umanitarju fil-provinċja ta' Kunduz;
 - tiggarrantixxi responsabilità adegwata għall-miżuri ta' protezzjoni kif ukoll monitoraġġ konsegwenti tal-attakki fuq l-operaturi umanitarji?
2. Xi inizjattivi biħsiebha tiegħu l-Kummissjoni biex tiggarrantixxi investigazzjoni indipendenti tal-bumbardament ta' Kunduz u tibda azzjonijiet kriminali għat-telf ta' daqstant ħajjiet u l-qerda parzjali tal-isptar?

Imressqa: 21.10.2015

Mgħoddija: 23.10.2015

L-iskadenza għat-tweġiba: 30.10.2015